MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2007

Mandat Numru. 158/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 158/07 fl-ismijiet:**

**MICHAEL ATTARD HOLDINGS LIMITED, Michael Attard Limited, Michael Attard (Services) Limited, Michael Attard (Imports) Lmited, Micard Limited**

**vs**

**L-ONOREVOLI PRIM'MINISTRU, L-Onor. Ministru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija tal-Informazzjoni, L-Onor. Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, L-Onor. Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, L-Onor. Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Iċ-*Chairman* tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, u s-Sindku tal-Kunsill Lokali Valletta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta’ Frar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimati milli jagħlqu l-parkeġġ pubbliku, indikat bħala “*Masġar John Mizzi*” fil-pjanta hawn annessa u markata bħala Dok “A”, liema parkeġġ pubbliku jinsab quddiem iċ-Ċimiteru tal-Militar magħruf bħala “*Ta’ Braxia*”, ġewwa l-Blata l-Bajda;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta’ Frar, 2007, li bih ordnat li l-intimati jkunu notifikati bl-atti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat *Chairman* ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta fit-8 ta’ Frar, 2007, li biha ressaq raġunijiet għaliex il-Qorti jmissha tiċħad it-talba tar-rikorrenti, b’mod partikolari għaliex l-Awtorita’ ma kienet bl-ebda mod imdaħħla fil-proġett;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-8 ta’ Frar, 2007, mill-intimat Sindku tal-Kunsill Lokali Valletta, li biha qal li l-kunsill tiegħu la għandu xi ġurisdizzjoni u lanqas setgħa li jikkontrolla b’xi mod l-imsemmi Masġar, u għalhekk imissu jinħeles milli jiqba’ fil-kawża;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati l-oħrajn kollha flimkien fit-8 ta’ Frar, 2007, li biha qalu li wħud minnhom ma kinux il-kontradditturi leġittimi tat-talba tar-rikorrenti, u wkoll li ma jeżistux l-elementi meħtieġa bil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-2 ta’ Marzu, 2007, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li biha l-avukat difensur tal-intimat Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent iddikjarat li l-proġett, li r-rikorrenti qegħdin jitolbu li jinżamm, fil-fatt huwa maħsub li jsir;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta’ Marzu, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis illi r-rikorrenti jridu li jinżamm milli jitwettaq proġett ta’ tħawwil ta’ iżjed siġar f’masġar pubbliku li jservi wkoll bħala parkeġġ għall-karozzi, li jinsab ftit ’il bogħod mill-istabiliment kummerċjali li huwa s-sede uffiċjali tal-istess kumpanniji rikorrenti, u dan billi jitneħħa l-parkeġġ;

Tqis li l-parkeġġ ilu ż-żmien jintuża kemm mill-impjegati tal-kumpanniji rikorrenti u kif ukoll mill-klijenti li jżuru l-istabilimenti tagħhom. Jintuża wkoll minn impjegati u klijenti ta’ stabilimenti oħrajn fil-qrib. Minn kemm ilu jintuża, sar fih kemm ta’ titjib ta’ aċċess għall-vetturi u kif ukoll bit-tqegħid ta’ benefikati oħrajn mill-awtoritajiet pubbliċi nfushom;

Tqis li l-parkeġġ jaqa’ fl-ambitu ta’ art li dwarha jitkellem l-Att XX tal-1933 dwar il-Koservazzjoni ta’ l-*Area* ta’ barra l-Bieb tal-Bombi[1]. Ir-rikorrenti jagħrfu dan il-fatt;

Tqis li l-proġett ilu mħabbar sa mis-sajf tal-2006, u jagħmel parti mill-pjan ġenerali maħsub biex jirregola t-traffiku li kien jidħol fil-Belt kapitali;

Tqis li r-rikorrenti qegħdin iqisu li l-proġett impunjat jikser il-jeddijiet tas-sigurta’ u s-saħħa tal-impjegati tagħhom, l-inkolumita’ tal-klijenti tagħhom, u kif ukoll l-interessi kummerċjali tal-istess rikorrenti minħabba li bit-tneħħija tal-parkeġġ u n-nuqqas ta’ aċċess dirett, bosta sejrin jagħżlu li ma jiqfux għandhom aktar. Ir-rikorrenti jgħoddu dan bħala daqqa ta’ ħarta kbira għall-ġejjieni tal-impriża u tal-attivita’ kummerċjali tagħhom;

Tqis ukoll li r-rikorrenti jidhrilhom li l-proġett ser iġib “effetti serji li ma humiex qed jittieħdu in konsiderazzjoni mill-intimati”;

[1] Kap 74 tal-Liġijiet ta’ Malta

Tqis li l-awtorita' pubblika li hija inkarigata mill-proġett iddikjarat fil-Qorti bil-miftuħ li fi ħsiebha twettaq dak il-proġett;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[2];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[3]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[4];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[5]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u

---

[2] Art. 873(1) tal-Kap 12
[3] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[4] Art. 875(3) tal-Kap 12
[5] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[6] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis iżda, li f'dan il-każ, ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda jedd fuq l-art milquta mill-proġett, lanqas mad-daqqa t'għajn, u l-interessi li huma jsemmu ma jissarfux f'jeddijiet opponibbli kontra l-intimati. Huma preokkupazzjonijiet u tħassib li jkun għaqli li jittieħdu b'qies b'serjeta' minn min ser iwettaq il-proġett, imma li ma tistax tasal għalihom bil-ħruġ ta' Mandat;

Tqis ukoll li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[7], u ma jistax jintuża biex iġiegħel lill-intimati, jew min minnhom huwa inkarigat bil-proġett, biex jagħmel xi ħaġa li bħalissa tista' tidher li mhix maħsuba li ssir jew li hemm bżonn li ssir;

---

[6] Art. 873(3) tal-Kap 12

[7] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

Tqis ukoll li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[8], disaġju jew tħassib;

Tqis, għalhekk, li f'dan il-każ, ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, bl-ispejjeż.

Mogħti kameralment, illum 5 ta' Marzu, 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)